MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1042/2002/1

**Packprint Limited**
**vs**
**Euro Chemie Products Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu is-socjeta' attrici, wara li ppremettiet: illi hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' disat elef disa mija u sebgha u tmenin lira maltin u wiehed u tmenin centezmu [Lm9,987.81] rapprezentatni prezz ta' merkanzija mibugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici lil dik konvenuta kif jidher mill-prospett hawn anness u markata Dok.A; illi minkejja interpellata thallas dan l-ammont, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti; illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socejta' attrici s-socjeta' konvenuta m' ghandhiex eccezzjonijiet x' taghti; talbet li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex, ghar-ragunijet premessi, m' ghandhiex din il-Qorti: 1. Taqta' u tiddecidi l-

kawza a tenur ta’ l-Artikoli 167 – 170 tal-Kap.12 tal-ligijiet ta’ Malta u cioe’ bid-dispensa tas-smigh;  2.Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ disat elef disa mija u sebgha u tmenin lira maltin u wiehed u tmenin centezmu [Lm9,987.81] dovuta kif fuq inghad.  Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittri legali datati 27 ta’ Marzu 2002 u 22 ta’ Lulju 2002 u bl-imghax legali kontra s-socjeta’ konvenuta ingunta minn issa biex tidher ghas-subizzjoni;

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fl-udjenza tal-21 ta’ Frar 2003 li permezz tieghu s-socjeta’ konvenuta giet awtorizzata li tipprezenta nota tal-eccezzjonijiet;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta li biha eccepiet: 1. Fl-ewwel lok, uhud mill-“invoices” huma preskritti u dana ai termini tal-Artikolu 2148[b] tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta;  u 2. Illi minghajr pregudizzju mhux l-ammont kollu huwa dovut, stante li saru pagamenti mis-socjeta’ eccepjenti – Salvi eccezzjonijiet ohra;
Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-lista tax-xhieda;

Rat li s-sentenza preliminari moghtija fid-9 ta’ Jannar 2004 li permezz taghha giet michuda l-ewwel eccezzjoni, bl-ispejjez;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavit prezentat;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-data tallum;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi jirrizulta li s-socjeta’ attrici ghandha tiehu minghand is-socjeta’ konvenuta s-somma ta’ Lm9,987.81 prezz ossia bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta’ attrici lil dik konvenuta, kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni guramentata u mill-affidavit ta’ Gaetano Cordina, *credit control Manager* mas-socjeta’ attrici, u mid-dokumenti esebiti.

Illi minn naha taghha s-socjeta' konvenuta, ghalkemm eccepiet li "mhux l-ammont kollu huwa dovut stante li saru pagamenti mis-socjeta' eccipjenti", naqset li tipproduci prova tal-allegati pagamenti, oneru li kien jispetta lilha fuq l-istregwa tal-massima *onus probandi ei qui dicit non ei qui negat.*

Illi in vista tal-premess it-talba attrici hija gustifikata.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' disat elef disa' mija u sebgha u tmenin lira maltin [Lm9,987.81], bl-imghax legali kif mitlub u bl-ispejjez a kariku tal-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------